MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2015

Mandat Numru. 9/2015/1

**Fl-Atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni Numru 9/15 JZM fl-ismijiet :**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**1. Georgina Gauci, *housewife*, bint George Debattista u Helen Agius nee` Ellul, imwielda Pieta` u residenti B`Kara, detentrici tal-karta tal-identita` numru 500060(M) ;**

**2. Concetta Micallef, *housewife*, bint George Debattista u Helen Agius nee` Ellul, imwielda u residenti B`Kara, detentrici tal-karta tal-identita` numru 487563(M) ;**

**3. Maria Lourdes Pisani, *housewife*, bint George Debattista u Helen Agius nee` Ellul, imwielda u residenti B`Kara, detentrici tal-karta tal-identita` numru 359967(M) ;**

**4. Raymond Debattista, impjegat, iben George u Helen nee` Ellul, imwieled u residenti B`Kara, detentur tal-karta tal-identita` numru 67665(M) ;**

***u***

**5. Theresa Falzon, *housewife*, bint George Debattista u Helen Agius nee` Ellul, imwielda u residenti B`Kara, detentrici tal-karta tal-identita` numru 128166(M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fil-5 ta` Jannar 2015 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u debitament konfermati bil-gurament minn rapprezentant tieghu, il-bank rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jinzammu milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b`titolu oneruz jew gratuwitu l-bicca art li qeghda l-Marsa mill-art "Ta` Habel it-Twil" tal-kejl ta` circa mija u disghin punt tnejn metru kwadri (190.2 m.k.) mill-gholi ta` tnax-il filata (12) mill-qatran u tmiss mil-Lbic ma` triq bla isem, mill-Grigal ma` beni tal-eredi ta` Joseph Vella u mix-Xlokk ma` beni ta` Ignatius Vella, soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta` tmien Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€8.44) liema art tinsab bordurata bil-kulur isfar fuq is-*site plan* u pjanta hawn annessi u mmarkati Dokument Ittra A u B.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta` Jannar 2015 li permezz tieghu laqghet provizorjament it-talba tal-bank rikorrent, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati, tathom ghaxart ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-bierah 19 ta` Jannar 2015 fis-2.00 p.m.

Rat illi l-intimati kienu debitament notifikati bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smigh tar-rikors fis-6 ta` Jannar 2015.

Rat illi fl-udjenza tal-bierah, il-Qorti kkostatat illi ghalkemm l-intimati ma pprezentawx risposta, deher ghalihom l-Av. Mark Vassallo fejn iddikjara li kien qieghed jirrimetti ruhu ghat-talba tal-bank rikorrent kif dedotta.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera*.

Illi l-bank rikorrent ressaq it-talba tieghu abbazi ta` l-**Art 874 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi meta pprezenta ir-rikors, il-bank rikorrent – tramite rapprezentant tieghu – mhux biss ikkonferma bil-gurament in-natura tal-kreditu kontra l-intimati izda anke li dak l-allegat kreditu kien jeccedi l-ammont indikat fl-Art 874(1) tal-Kap 12.

Illi fil-kuntest ta` din il-procedura, l-intimati – tramite l-avukat taghhom – irrimettew ruhhom ghat-talba tal-bank rikorrent kif dedotta.

Illi din il-Qorti ssib li fit-talba tal-bank rikorrent jissussistu r-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-mandat.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda :-**

**1) Tilqa` t-talba tal-bank rikorrent.**

**2) Tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jinzammu milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b`titolu oneruz jew gratuwitu l-bicca art li qeghda l-Marsa mill-art "Ta` Habel it-Twil" tal-kejl ta` circa mija u disghin punt tnejn metru kwadri (190.2 m.k.) mill-gholi ta` tnax-il filata (12) mill-qatran u tmiss mil-Lbic ma` triq bla isem, mill-Grigal ma` beni tal-eredi ta` Joseph Vella u mix-Xlokk ma` beni ta` Ignatius Vella, soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta` tmien Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€8.44) liema art hija ndikata u bordurata bil-kulur isfar fuq is-*site plan* u pjanta markati bhala Dokumenti A u B, a fol 2 u 3 tal-process.**

**3) Ghall-fini tal-Art 874(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tahtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Daniela Mercieca sabiex, ghas-spejjez tal-bank rikorrent, tinnotifika dan il-Mandat ta' Inibizzjoni, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u lir-Registratur ta` l-Artijiet, li ghandhom minnufih jiktbuh f`registru li jzommu ghaldaqshekk.**

**4) Tordna li l-ispejjez kollha jithallsu mill-intimati.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------